MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 305/2007

**Maltacom p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Glotel Limited (C33223)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta’ Marzu 2007, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u wiehed u sittin Liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm161.38) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2007, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u wiehed u sittin Liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm161.38), bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez ta' dina l-istanza u dawk mitluba li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------